

32004D0414

30.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 151/65

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2004

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE f'dak li ttrigwardja l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tal-karkassi ta' l-annimali li jkunu fi transitu jew temporanjament maħżuna fil-Komunità

(notifikata permezz ta' dokument numru K(2003) 1561)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(2004/414/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali għall-konsum uman⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 9(2)(b) u (4)(c) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE⁽²⁾ tistabbilixxi l-htiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi, u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għall-imsemmija għall-ħtiġiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità referuti fl-Anness A(I), tad-Direttiva 89/662/KEE u, rigward il-patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE⁽³⁾ tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali minn ċerti pajjiżi terzi.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji tal-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi⁽⁴⁾ u ċerti dispożizzjonijiet għat-transitu li diġa hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 11 bħal ma huma l-messaġġi ANIMO u d-dokument veterinarju komuni tad-dħul.

- (4) B'dana kollu, huwa meħtieġ sabiex tkun salvagwardjata s-sitwazzjoni dwar il-mard fil-Komunità li jkun aktar assigurat li l-konsenji tal-karkassi ta' l-annimali li jkunu fi transitu matul il-Komunità, ikun konformi mal-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni dwar is-saħħa ta' l-annimal li huma applikabbli għall-pajjiżi awtorizzati.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE⁽⁵⁾ tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika, u l-kondizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali haġjin u tal-laħam frisk tagħhom, kienet reċentament ġiet emendata sabiex tinkludi kondizzjonijiet ġenerali tat-transitu u tagħti deroga għal transitu bejn ir-Russja b'referenza għall-postijiet speċifiċi tal-ispezzjoni fil-fruntiera li huma innomati għal dan l-iskop ta' l-aħħar.

- (6) Fid-dawl ta' l-esperjenza, jidher li l-preżentazzjoni fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera, bis-saħħa ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE, tad-dokumenti veterinarji oriġinali stabbiliti fil-pajjiżi terz ta' l-esportazzjoni sabiex iwettqu l-ħtiġiet regolatorji tal-pajjiżi terz tad-destinazzjoni, ma humiex suffiċjenti ħalli jassiguraw li l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali meħtieġa għall-introduzzjoni mingħajr periklu fit-territorju tal-Komunità tal-prodotti ikkonċernati huma effettivament sodisfatti; huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit mudell speċifiku taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li għandu jkun użat f'sitwazzjonijiet ta' transitu għall-prodotti ikkonċernati.

- (7) B'dana kollu, kondizzjonijiet speċifiċi għal transitu via il-Komunità ta' konsenji lejn u mir-Russja għandhom ikunu previsti minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad u billi jkunu meqjusa l-problemi klimatiċi li jfixklu l-użu ta' uħud mill-portijiet f'ċerti żminijiet tas-sena.

⁽¹⁾ ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2004 (ĠU L 72, tal-11.3.2004, p. 60).⁽³⁾ ĠU L 285, ta' l-1.11.2003, p. 38.⁽⁴⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni 2003.⁽⁵⁾ ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/372/KE (ĠU L 118, tat-23.3.2004, p. 45).

- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE ⁽¹⁾ tħejji lista tal-postijiet tal-ispezzjoni fil-fruntieri kif mifthiema dwar il-verifiki veterinarji fuq l-annimali u l-prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi u huwa xieraq li jkunu speċifikati l-postijiet tal-ispezzjoni fil-fruntiera innomati għall-kontroll ta' tali transitu billi tkun meqjusa din id-Deċiżjoni.
- (9) Huwa fwaqqtu li jkun emendat iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali sabiex ikun jirrefletti l-format stabbilit fiċ-ċertifikati l-oħrajn.
- (10) Id-Deċiżjoni 2003/779/KEE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq.
- (11) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/EC hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali li jkun ġejjin minn kwalunkwe pajjiż terz akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa kif stabbilit fl-Anness I A, li għandu jkun jikkonsisti minn folja waħda u għandu jkun mimli f'mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li jwettagħ il-kontroll ta' l-importazzjoni."

2. L-Artikolu 1a li ġej huwa miżjud:

"L-Artikolu 1a

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-konsenji tal-karkassi ta' l-annimali intiżi għall-konsum uman introdotti fit-territorju tal-Komunità u li huma destinati għal pajjiż terz jew bħala transitu immedjetament jew inkella wara ħażna skond l-Artikoli 12(4) jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, ma jkunux intiżi għall-importazzjoni ġewwa l-KE u għandhom ikunu konformi ma' dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

- (a) għandhom jilhq u l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa kif elenkati fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali kif imħejji fl-Anness I A;
- (b) għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali stabbilit bi qbil mal-mudell elenkat fl-Anness I B, iffirmit mill-veterinarju uffiċjali tas-servizzi veterinarji kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat.
- (ċ) ikunu ċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu u l-ħażna (kif applikabbli) fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul mill-Veterinarju Uffiċjali tal-Post tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera ta' l-introduzzjoni"

3. L-Artikolu lb li ġej huwa miżjud:

"L-Artikolu 1b

1. Bħala deroga mill-Artikolu 1a, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-transitu bit-triq jew bil-ferrovija matul il-Komunità, bejn il-postijiet tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera tal-Komunità kif innominati, li huma elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2001/881/KE, tal-konsenji li jkunu ġejjin minn, u iddestinati lejn, ir-Russja, direttament jew via xi pajjiż terz ieħor, basta li l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:

- (a) il-konsenja għandha tkun issiġillata, b'siġill b'numru serjali, fil-post tad-dħul tal-ispezzjoni ta' fuq il-fruntiera tal-KE, mis-servizzi veterinarji ta' l-awtorità kompetenti;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenja u referuti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom ikunu ittimbrati 'BISS GĦAL TRANSITU LEJN IR-RUSSJA VIA IL-KE' fuq kull paġna, mill-veterinarju uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti responsabbli għall-post ta' l-ispezzjoni ta' fuq il-fruntiera;
- (ċ) iridu jkunu konformi mal-ħtiġiet proċedurali li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KEE;
- (d) il-konsenja għandha tkun ċertifikata bħala aċċettabbli għat-transitu fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul mill-Veterinarju Uffiċjali tal-Post tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera ta' l-introduzzjoni.
2. il-ħatt u l-ħażna, kif definiti fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fit-territorju KE, ta' tali konsenji m'għandhux ikun imħolli.
3. awditjar regolari għandu jseħħ mill-awtorità kompetenti sabiex jassigura li n-numru ta' konsenji u l-kwantitajiet ta' prodotti li jħallu t-territorju tal-KE ikun jaqbel man-numru u l-kwantitajiet li jkunu daħlu."

4. L-Anness I huwa mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Iċ-ċertifikat preċedenti mħejji skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE għall-importazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali jista juk użat sa 6 xhur minn wara d-data stabbilita fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 3, l-aktar tard.

Artikolu 3

1. Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004.

2. L-Artikolu 1, il-Punt 2 ta' l-Anness I B għandu jkun japplika biss mill-1 ta' Jannar 2005.

⁽¹⁾ ĠU L 326, tal-11.12.2001, p. 44. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/273/KE (ĠU L 86, ta' l-24.3.2004, p. 21).

Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

"L-ANNEX IA

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

(għal karkassi ta' l-annimali ntiżi għall-konsenja lejn il-Komunità Ewropea)

Mudell CAS

1. Konsenjant (isem u indirizz sħiħ)	ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI għall-karkassi ta' l-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea Numru (1) ORIGĪNAL			
2. Konsinnatarju (isem u indirizz sħiħ)	3. Oriġini tal-karkassi ta' l-annimali 3.1. Kodiċi ISO u l-isem tal-pajjiż: 3.2. Territorju (4):			
5. Destinazzjoni ntiża tal-karkassi 5.1. Stat Membru tal-UE: L-isem u l-indirizz tal-istabbiment (5)	4. Awtorità Kompetenti 4.1. Ministeru: 4.2. Servizz: 4.3. Livell lokali/reġjonali:			
7. Meżżi tat-trasport u l-identifikazzjoni tal-konsenja (2) 7.1. (Trakk, Vagun tal-ferrovija, Vapur jew Ajruplan) (3): 7.2. Numru(i) tar-reġistrazzjoni, l-isem tal-vapur, jew in-numru tat-titjira:	6. Il-post tat-tgħabija għall-esportazzjoni 7.3. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-konsenja (5):			
8. Identifikazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali 8.1. Karkassi minn: (speċje ta' l-annimali). 8.2. Identifikazzjoni tal-karkassi inklużi f'din il-konsenja:				
Deskrizzjoni (6)	Trattament (7)	Indirizz u n-numru ta' l-approvazzjoni tal-istabbiment(i)	Numru ta' pakketti/biċċiet	Piż nett (kg)
Total				

9. Attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali

Jiena, li hawn taħt iffirmajt, veterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika, li l-karkassi deskritt hawn fuq:

a) ġejjin minn impjanti approvati mill-awtorità kompetenti'

b) kienu ġew imnaddfa, mibruxa u

jew

(immellħa bi NaCl għal 10 tjiem) ⁽³⁾

inkella

(imbajjda) ⁽³⁾


inkella

(imnixxa wara l-brix) ⁽³⁾.

c) għaddew mill-prekwazzjonijiet kollha sabiex tkun evitata l-kontaminazzjoni mill-ġdid wara t-trattament

Timbru u firma uffiċjali

Magħmul fi nhar il-.....



.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) ⁽⁶⁾

.....
(isem f'ittri kbar, kwalifiki, titolu)

Noti:

⁽¹⁾ Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

⁽²⁾ In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-vapur għandhom ikun għandhom ikunu mogħtija kif applikabbli. Jekk magħruf, in-numru tat-tijira ta' l-ajrupan.

Fil-każ tat-trasportazzjoni f'kaxxi jew kontenituri, in-numru totali, in-numri tar-reġistrazzjoni u tas-siġill tagħhom, jekk preżenti, għandhom ikunu indikati taħt il-punt 7.3.

⁽³⁾ Żomm kif applikabbli.

⁽⁴⁾ Imla kif applikabbli.

⁽⁵⁾ Imla jekk applikabbli.

⁽⁶⁾ Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Din ir-regola tapplika wkoll għat-timbri, apparti minn meta dawn ikun u imbuzzati jew bil-watermark.


⁽⁷⁾ Trattament li kien applikat mill-għażliet elenkati fl-attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali, fis-Sezzjoni 9b'

9. Attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali

Jiena, li hawn taħt iffirmajt, veterinarju uffiċjali, b'dana niċċertifika, li l-karkassi deskritt hawn fuq huma konformi mal-kondizzjonijiet elenkati fl-attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali fis-sezzjoni 9 tal-mudell taċ-ċertifikat fl-Anness IA ta' 2003/779/KE.

Timbru u firma uffiċjali

Magħmul fi nhar il-.....



.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) (8)

.....
(isem f'ittri kbar, kwalifiki, titolu)

Noti:

- (1) Bi qbila ma l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE.
- (2) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.
- (3) L-indirizz (u n-numru ta' l-approvazzjoni, jekk magħruf) tal-maħżen f'żona ħielsa, maħżen doganali jew tal-burnar, għandhom ikunu nklużi.
- (4) Imla kif applikabbli.
- (5) In-numru(i) tar-reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-vapur għandhom ikunu għandhom ikunu mogħtija kif applikabbli. Jekk magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajrupan.
Fil-każ tat-trasportazzjoni f'kaxxi jew kontenituri, in-numru totali, in-numri tar-reġistrazzjoni u tas- siġill tagħhom, jekk preżenti, għandhom ikunu indikatai taħt il-punt 7.3.
- (6) Żomm kif applikabbli.
- (7) Imla jekk applikabbli.
- (8) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Din ir-regola tapplika wkoll għat-timbri, apparti minn meta dawn ikun u imbuzzati jew bil-watermark.'
- (9) Trattament li kien applikat mill-għażliet elenkati fl-attestazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali, fis-Sezzjoni 9 (b) tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa kif elenkat fl-Anness IA tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/779/KE. Dan jistqarr li l-karkassi għandhom ikunu mnaddfa u mibruxa, u jew immelħa bi NaCl għal 30 jum, jew imbajjda, jew imnixxa wara t-tbajjid.'